Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Inferjuri

Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Seduta tal-lum 9 ta' Gunju 2020

Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid 120/2019 BS

Michael Azzopardi et

vs

Lorenzo Delfino et

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI.**

Il-konjugi Michael u Frances Azzopardi intavolaw rikors fis- 16 ta' Jannar 2020 fejn esponew illi huma kienu talbu l-hrug ta' mandat ta' qbid (120/2019), kif ukoll ta' mandat ta' deskrizzjoni (121/2019). Il-Qorti kienet laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju fil-15 ta' Ottubru, 2019.

Illi fil-15 ta' Jannar,2020 il-Bord Li Jirregola l-Kera fuq ammissjoni ta' l-intimati ordna t-terminazzjoni tal-kera tal-fond numru 27, Triq ta' Taht Putrijal, Rabat, Ghawdex, ordna l-izgumbrament ta' l-intimati mill-fond u kkundannhom ihallsu lir-rikorrenti l-arretrati tal-kera bl-imghaxijiet. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-intimati ghaddewlhom ic-cwievet tal-fond qabel ma nghatat is-sentenza u ghalhekk huma talbu lill-Bord sabiex qabel ma jghaddi ghas-sentenza huma jinghataw l-opportunita jaraw jekk ic-cwievet imghoddija lilhom jaqblux mas-serratura. Il-Bord laqa' din it-talba u wara illi r-rikorrenti marru fil-fond indunaw illi l-hanut kien gie zvojtat mill-oggetti illi kienu nqabdu bil-mandat ta' qbid kawtelatorju. Ghalhekk permezz ta' dan ir-rikors huma qed jitlobu lill-Qorti issib lill-intimati hatja ta' disprezz u tikkundannhom ihallsu l-pieni preskritti mil-ligi.

L-intimati ntavloaw ir-risposta taghhom fis-27 ta' Jannar, 2020. Huma ssollevaw l-eccezzjoni illi r-rikors huwa proceduralment zbaljat ghax ma setghux jigu ntavolati zewg mandati distinti f'daqqa. Barra minn hekk l-intimati eccepew illi l-mandati ma ghandhomx forza legali ghax gew intavolati quddiem il-Qorti zbaljata. Barra minn hekk ma gewx segwiti b'kawza fl-istess Qorti. Jghidu illi uhud mill-oggetti kienu jappartjenu lis-*suppliers* taghhom u li ghalhekk dawn hadu hwejjighom malli l-intimati ghalqu l-hanut. Jghidu illi t-talbiet vantati mir-rikorrenti ma ghandhomx jigu akkolti.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti tal-partijiet.

Rat illi r-rikors thalla ghas-sentenza ghas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2020.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti pprezentaw talba fil-15 ta' Ottubru, 2019 ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-intimati debituri. Din it-talba giet akkordata fl-istess jum . Fis-16 ta' Ottubru, 2019, l-Ufficjal ezekuttiv esegwixxa l-mandat u ghadda kopja tal-lista ta' oggetti maqbuda lill-intimat debitur Lorenzo Delfino. Fl-istess jum jigifieri fis-16 ta' Ottubru, 2019, l-istess Ufficjal ezekuttiv hareg twissija lill-intimat debitur sabiex ma jiddisponix mill-oggetti maqbuda[1]. Fl-ebda hin ma tqajjmet xi oggezzjoni. Lanqas ma jirrizulta illi Lorenzo Delfino talab jew ghamel xi rikors ghar-revoka tal-mandat ai tenur ta l-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'Jannar 2020, ben tliet xhur wara illi giet intavolata t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, gie ntavolat rikors mir-rikorrenti kredituri fl-atti tal-mandat ta' Qbid u fl-atti tal-mandat ta' Deskrizzjoni[2] illi permezz tieghu nformaw lill-Qorti illi l-intimati debituri kienu battlu l-fond mill-oggetti illi kienu gew maqbuda fis-16 ta' Ottubru, 2019. Huma talbu illi l-Qorti issib lid-debituri intimati hatja ta' disprezz u takkundannhom ghall- pieni preskritti mil-ligi.

Id-Debituri ntimati laqghu ghal din il-pretensjoni billi fir-risposta taghhom qajjmu l-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* fuq il-motiv li l-materja agitata kienet ta' gurisdizzjoni tal-Bord li jirregola l-Kera u ghalhekk it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid qatt ma kien imissha saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati ( Gurisdizzjoni Inferjuri). Jargumentaw ukoll illi anke jekk wiehed kellu jaccetta illi l-mandat gie pprezentat quddiem il-Qorti tajba madankollu ma giex segwit b'kawza quddiem l-istess Qorti u ghalhekk illum huwa minghajr effett. F'dan l-istadju irid jinghad illi quddiem din il-Qorti rikors ghall-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju biss gie pprezentat.

---

[1] A fol 4 tal-process
[2] 121/2019

Ir-rikorrenti kredituri fin-nota taghhom jissollevaw l-argument illi bl-emendi illi saru fl-2016[3] l-Artikolu 741(b) illum jippermetti illi jekk il-Qorti fil-gudizzju taghha jidrilha illi l-eccezzjoni ta' inkompetenza hija gustifikata hija ghandha permezz ta' digriet *in camera* tordna li l-atti tal-proceduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta'dik il-kawża.

Il-Qorti izda ma taqbilx ma' dan l-argument . Minn qari ta' l-Artikolu precitat huwa ben car illi dan jittratta l-kaz meta <u>kawza</u> tigi ntavolata quddiem Qorti flok ohra. Fil-kaz odjern dan ma hux il-kaz. Infatti l-ebda kawza ma giet intavolata quddiem din il-Qorti u dan huwa argument iehor sollevat mill-intimati debituri ghaliex il-mandat ghandu jigi dikjarat bla effett. Il-kaz odjern si tratta mandat ta' qbid kawtelatorju u mandat ta' deskrizzjoni illi jirrientraw pjenament fil-kategorija ta' att gudizzjarju u mhux kawza u ghalhekk japplika l-Artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi li l-eccezzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji tista' tinghata "**(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti**" . Barra minn hekk dan in-nuqqas jew ksur mhuwiex fost dawk li jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-Ligi skont il-proviso tal-artiklu 789(1).

Irid jinghad illi fil-kaz ta' mandat dan hu essenzjalment preordinat ghall-prezentata "*ta'l-att tac-citazzjoni li fiha u biha l-kreditur jiddeduci l-pretensjoni tieghu fiz-zmien stabbilit bil-Ligi. Il-mandat allura kellu necessarjament u legalment jigi ppresentat fil-foro fejn l-attur ikun intenzjonat li jipprezenta l-azzjoni li ghaliha l-mandat ikun qed jirreferi. Hu allura l-mertu tat-talba attrici li kellha tiddetermina u tirradika l-kompetenza tal-Qorti li kellha tiehu konjizzjoni tal-kawza u fejn kellu allura jigi introdott,kemm jekk dan ikun kawtelatorju kif ukoll jekk hu ezekuttiv.*"[4]

Huwa fatt mhux kontestat illi l-atturi kredituri ntavolaw proceduri kontra l-intimati debituri quddiem il-Bord illi jirregola l-Kera u allura logikament dan ifisser illi l-istess atturi rrikonoxxew l-fatt illi d-disputa bejnhom u l-intimati debituri tirrientra fil-kompetenza tal-Bord gia msemmi. Di fatti huma ssottomettew ruhhom ghall-gurisdizzjoni tal-Bord li jirregola l-Kera.

Huwa minnu wkoll illi t-talba ghan-nullita' ta' mandat mhix fost is-sitt ragunijiet elenkati fl-artikolu 836(1) tal-Kap.12 li jistghu jigu nvokati ghat-thassir anke *in parte* ta' mandat kawtelatorju. Infatti t-thassir jista' jintalab fil-konfront ta' mandat validu filwaqt illi mandat null ma jithassarx ghax huwa null *ab initio*.

---

[3] Att IV ta' l-2016

[4] Charles Pace et noe v Tarcisio Borg noe. App.Civ. , 5 ta' Ottubru, 1998

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser thassar u tirrevoka l-mandat ta' qbid kawtelatorju in kwantu li dan inhareg minn Qorti mhux kompetenti u jikkommina fin-nullita' stabbilita bl-artikolu 789 (1) (b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt illi tichad it-talbiet tal- kredituri rikorrenti, thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 120/19 fl-ismijiet premessi in kwantu li dan il-Mandat huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mill-kredituri rikorrenti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur